MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Numru. 1210/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**vs**
**Almeri Jehad**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Almari Jehad** ta’ 40 sena, bin Fadlalla u Ezir nee’ Kahhul, imwieled is-Sirja fil-5 ta’ Novembru, 1966, residenti gewwa 17, ‘3rd October’, Flt 4, Triq San Frangisk Balzan u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 21450(A);

Talli fit-13 ta’ Novembru, 2006 bejn l-4.00pm u t-8.00pm min gewwa Triq San Gejtanu, Hamrun, ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru EAD-898 tal-ghamla Transit kif ukoll diversi ghodod, ghad-dannu ta’ Abdalhady Hamoud mill-Isla liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruq u dan ai terminu tal-

artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u taht l-istess cirkostanzi u fi granet wara xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u dan ai terminu
tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat wara li nghata z-zmien sufficjenti sabiex jikkontempla d-dikjarazzjoni ta' htija tieghu u l-piena marbuta mal-akkuzi u dan peress illi l-prosekuzzjoni m'ghandhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Fuq ammissjoni ghalhekk isib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, u stante li t-tieni akkuza hija wahda alternattiva tastjeni milli tiehi konjizzjoni ulterjuri taghha;

Wara li rat l-artikoli 261 (b) (c) (e) (f)u (g), 263, 267, 269, 270, 271, 278 279 (a), 280 (2) , 281 tal-Kap 9;

Wara li rat d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda nadifa.

Ghalhekk minflok li tikkundannah, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tmintax-il xahar mil-lum mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

Tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------